# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 113**

**Citaz. Nru. 1873/99GV**

Doc. 101-01

**Dr. Joseph sive Beppe Fenech Adami**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut Felix Agius bhala editur tal-istazzjon tar-radju Super 1 fil-21 ta' Lulju, 1999, fi programm intitolat "Tajjeb li Tkun Taf" trasmess ghal habta tas-6.00 p.m., xandar jew ippermetta li jigi mxandar diskors minn 'semmiegha kontenenti allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-istanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Premess illi l-istanti, bhala l-parti malafamata u offiza ghandha d-dritt ghad-danni kontemplati fl-art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi x-xandira surriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u l.i tesponih ghad-disprezz u r-redikolu

tal-pubbliku; u

2. Tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira Maltin (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. In-nuqqas ta' *animus injurjandi* da parti tieghu billi huwa ma kellu ebda preavviz u wisq inqas kontroll fuq dak li inghad;

2. Ghall kull buon fini huwa jiddisassocja ruhu minn dak li ntqal u jiddikjara li bl-ebda mod ma jaqbel mieghu;

3. Bla pregudizzju ghal dan kollu pero', ghandu jinghad li l-kliem li inghad ftit jaghmel sens u ma jinftihemx ezatt x'ried jghid is-semmiegh. Zgur li ma jwassalx kif jghid l-attur, ghal-konkluzzjoni li hu kellu xi motiv biex jehilsu minn RCC".

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li x-xandira tal-21 ta' Lulju, 1999 fil-programm "Tajjeb li Tkun Taf" trasmessa fis-6.00 p.m. hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; u ghaliex il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas is-somma li ma teccediex il Lm5,000 bhala danni ghall malafama bl-applikazzjoni ta' l-art. 28 tal-Kap 248.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta' *animus injurjandi* da parti tal-konvenut billi hu ma kellu ebda preavviz u wisq anqas kontrol fuq dak li nghad; ghall kull buon fini huwa jiddisassocja ruhhu minn dak li ntqal u jiddikjara li bl-ebda mod ma jaqbel mieghu; bla pregudizzju ghal dan kollu pero' ghandu jinghad li l-kliem li nghad ftit jaghmel sens u ma jinftehimx ezatt x'irid jghid is-semmiegh. Zgur li ma jwassalx kif ighid l-attur "ghall-konkluzzjoni li hu kellu xi mottiv biex jehilsu minn RCC".

**PROVI**

L-attur xehed li hu ma kienx sema' dak il-programm pero' kienu cemplulu xi nies li semghu l-programm. Wara kien sema' r-*recording*. It-*transcript* li esebixxa mhux it-*transcript* tal-programm kollu.

Il-konvenut xehed li hu ma kienx sema' dak il-programm. Sar jaf bih meta saret il-kawza kriminali. Huma kien offrew li jaghmlu korrezzjoni. Dak iz-zmien meta kien ikollhom *phone-ins* ma setghux jikkontrollawhom u kien programm *live* u ma kienx hemm sistema ta' *delay*. Hu kien l-editur registrat ta' Radio Super One meta sar dan il-kaz.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F’din il-kawza xehed il-konvenut u l-attur in kontro-ezami biss, u hemm id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur. Bi zvista jidher li l-attur ma xehedx in ezami. Inoltre kienet saret talba biex jigi ezibit it-*tape* tax-xandira in kwistjoni izda din it-talba kienet giet michuda stante l-opposizzjoni tal-konvenut billi l-provi kienu maghluqa fl-istadju li saret dik it-talba.

Il-konvenut qed jissottometti li l-attur naqas li jipprova l-kaz tieghu billi hu ma kienx sema l-programm inkriminat u l-kliem li hemm fit-*transcript* saru minn haddiehor li lanqas gie ndikat lill-Qorti. Il-konvenut inoltre issottometta li hu ma kellu x’jaqsam xejn mal-kliem li nghad; fil-fatt il-kliem inghad minn semmiegh, li kien persuna anonima, u li l-konvenut ma kellu ebda mezz biex jikkontrolla lil dik il-persuna dak iz-zmien. Finalment hu ndika li kien offra u ghadu qed joffri li jaghmel korrezzjoni u fl-eccezzjoni semma li ghall kull buon fini huwa jiddisassocja ruhhu minn dak li intqal u jiddikjara li bl-ebda mod ma jaqbel mieghu.

**Tikkunsidra**

Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista’ ggib Art. 559 Kap 12. Fil-kaz in ezami l-attur ma kienx sema l-programm u l-kliem li nghad gie riportat lilu minn haddiehor. Hu mbaghad sema’ r-*recording* u sar *transcript* tar-*recording* minn xi hadd li ma tressaqx il-Qorti bhala xhud biex jikkonferma l-veracita’ ta’ dak li sema u li ttraskriva.

Bhala regola, il-Qorti ma tiehux qies ta’ xhieda dwar fatti li x-xhud ighid li gie jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddiehor li jista’ jingieb biex jaghti xiehda fuq dawk il-fatti Art. 598 Kap 12.

Meta hu mehtieg li tigi verifikata l-kitba ta’ min ikun kiteb jew iffirma

dokument, dik il-prova tista' ssir (a) billi l-kitba tigi maghrufa minn min ikun kiteb jew iffirma d-dokument - Art. 635 Kap 12.

Fil-kaz in ezami t-*tape-recording* ma giex prodott (fl-istadju li ntalab ma setghax jigi prodott) u lanqas min ittraskrivih. Hemm biss it-traskrizzjoni a fol. 5.

Skond kummentarju fuq is-sentenza R v Rumpling Court of Appeal 28/7/1987 Criminal Law Review (1987) p 823:

*A tape is original evidence of the words used at an interview.*

*A transcript is, however, secondary evidence. It is hearsay, for it is a statement by the audio-typist of what he says he heard the parties to the interview say. But, if the typist is called as a witness, his testimony that the transcript is an accurate record of the tape-recording is direct evidence. The transcript, even when sworn to in this way, is less satisfactory evidence than the tape-recording itself.*

*When the jury have the tape-recording and a transcript which has not been proved by the audio-typist, the transcript is not evidence but merely a device to enable the jury better to comprehend the tape.*

Fil-kaz in ezami hemm biss *transcript*. M'hemmx it-*tape* u lanqas ix-xiehda ta' min ittraskriva t-*transcript*.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma tressqitx il-prova rikjesta mill-ligi biex it-talba ta' l-attur tigi pruvata, konsegwentement it-talba tieghu ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**